



## Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, l-20 ta' Settembru 2016

### Id-dekummissjonar ta' impjanti nukleari u d-disponiment finali minn skart fil-Litwanja, fil-Bulgarija u fis-Slovakkja jistgħu jiswew EUR 11.4 biljun, jgħidu l-Awdituri tal-UE

Skont rapport ġdid mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-ispiża stmata għad-dekummissjonar ta' reatturi nukleari tal-ewwel ġenerazzjoni, tat-tip Sovjetiku, fil-Litwanja, fil-Bulgarija u fis-Slovakkja se tkun mill-inqas EUR 5.7 biljun, u tista' tkun id-doppju ta' dan l-ammont jekk l-ispiża tad-disponiment finali minn skart ta' livell għoli tiġi inkluża.

Il-kofinanzjament ta' programmi tal-UE mill-Istati Membri jibqa' limitat ħafna, jgħidu l-awdituri. Fil-Litwanja, id-diskrepanza bejn l-ispejjeż għad-dekummissjonar u l-finanzjament żdiedet għal EUR 1.56 biljun minn meta sar l-aħħar awditu fl-2011. Id-diskrepanzi fil-finanzjament issa huma stmata li jammontaw għal EUR 28 miljun fil-Bulgarija u EUR 92 miljun fis-Slovakkja. Il-programmi dedikati ta' finanzjament tal-UE għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari ma ħolqux inċentivi tajbin għal dekummissjonar li jkun kemm f'waqtu kif ukoll kosteffettiv, u kważi l-proġetti ewlenin kollha tal-infrastruttura esperjenzaw xi dewmien.

*"Ninsab imħasseb dwar il-fatt li proġetti ewlenin tad-dekummissjonar ġarrbu xi dewmien, li għad baqa' diskrepanzi fil-finanzjament, u li mhux qed isir biżżejjed progress għad-disponiment finali minn skart nukleari ta' livell għoli", qal Phil Wynn Owen, il-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li huwa responsabbli għar-rapport.*

L-awdituri eżaminaw il-progress li sar mill-2011 'il hawn fil-programmi ta' għajnuna tal-UE għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jaffermaw li l-impjanti ngħalqu b'mod irriversibbli; madankollu, mhux l-outputs kollha mistennija li l-Kummissjoni Ewropea użat biex tivvaluta l-progress li kien sar lejn għeluq irriversibbli, intlaħqu għalkollox. Iż-żarmar ta' komponenti ewlenin f'żoni b'livell aktar baxx ta' radjazzjoni, bħas-swali tat-turbini, avvanza sew f'impjanti li jinsabu f'Ignalina (il-Litwanja), f'Kozloduy (il-Bulgarija) u f'Bohunice (is-Slovakkja). Iżda għad hemm sfidi kruċjali mistennija fil-ġejjieni għal ħidma f'żoni b'livell aktar għoli ta' radjazzjoni, bħal fil-binjiet tar-reatturi. It-tliet Stati Membri stabbilew xi infrastruttura ċentrali u temporanja fuq il-post għall-ġestjoni tal-iskart, iżda kważi l-proġetti ewlenin kollha tal-infrastruttura esperjenzaw xi dewmien. L-itwal dewmien seħħ fil-Litwanja, fejn fl-2011, id-data sa meta d-dekummissjonar kellu jintemm ġiet posposta b'disa' snin oħra għall-2038.

L-ispejjeż futuri assoċjati mad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari u mad-disponiment finali minn fjuwil nukleari użat mhux dejjem jiġu rikonoxxuti bħala provvedimenti u/jew jiġu inklużi fin-noti għall-kontijiet. Dan jillimita t-trasparenza u jxekkel lill-awtoritajiet fl-ippjanar adegwat ta' kif l-ispejjeż futuri għad-dekummissjonar u d-disponiment għandhom jitħallsu.

L-awdituri jagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri. Fost ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.*

*Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu)*

## ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem T: (+352) 4398 47063

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa T: (+352) 4398 45410

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditorsECA [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

M: (+352) 691 55 30 63

M: (+352) 621 55 22 24

li jsiru lill-**Kummissjoni** nsibu dawn li ġejjin:

- tfittex żidiet fil-kofinanzjament nazzjonali matul il-perjodu ta' finanzjament 2014-2020;
- jenħtieġ li l-programmi dedikati ta' finanzjament għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Litwanja, fil-Bulgarija u fis-Slovakkja ma jtkomplewx wara l-2020. Jekk tiġi stabbilita l-istrateġija ċara għall-użu ta' fondi tal-UE wara l-2020, f'wieheġ jew aktar minn dawn l-Istati Membri, jenħtieġ li kwalunkwe finanzjament futur mill-UE li jiġi propost mill-Kummissjoni u maqbul mil-leġiżlatur ikun jinkludi inċentivi tajbin biex id-dekummissjonar isefh, inkluż billi jkun hemm limitu ta' żmien għal dan u billi d-dekummissjonar ikun ibbażat fuq livelli xierqa ta' kofinanzjament mill-Istati Membri. Mod wieheġ ta' kif dan jista' jsir huwa billi titqies il-possibbiltà li jitwessa' l-aċċess għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej biex l-attivitajiet ta' dekummissjonar ta' impjanti nukleari jkunu jistgħu jiġu koperti, u b'hekk dawn il-kundizzjonijiet ikunu jistgħu jiġu ssodisfati;
- tippermetti li l-għajjnuna tal-UE għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari tiffinanzja biss lil persunal li jkun qed jaħdem kompletament fuq id-dekummissjonar;
- taħdem mal-Istati Membri sabiex ispejjeż futuri kollha assoċjati mad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari u mad-disponiment finali minn fjuwil użat jiġu kontabilizzati kif xieraq, u b'mod trasparenti;
- teżamina bir-reqqa mal-Istati Membri kollha l-possibbiltajiet għad-disponiment finali minn fjuwil użat u minn skart ta' livell għoli, inkluża kwalunkwe soluzzjoni reġjonali u soluzzjoni oħra bbażata fl-UE.

Fost ir-rakkoamndazzjonijiet ewlenin li jsiru **lill-Istati Membri rilevanti**, insibu dawn li ġejjin:

- itejbu aktar il-ġestjoni tal-proġetti biex l-infrastruttura meħtieġa għall-ġestjoni tal-iskart u ta' fjuwil użat tkun stabbilita meta pjanat; u jibnu l-kapaċità teknika tagħhom b'bilanċ aħjar bejn il-kompetenzi interni u dawk esterni;
- itejbu l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-għarfien tekniku, kemm fosthom stess kif ukoll mal-komunità usa' involuta fid-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fl-UE u lil hinn minnha;
- jistabbilixxu stimi tal-ispejjeż u pjanijiet ta' finanzjament aktar kompleti għad-disponiment minn fjuwil użat u minn skart radjuattiv;
- jirrikonoxxu r-rwol proprju tagħhom biex jiżguraw li l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas jiġi rrispettat, u jkunu lesti li jużaw fondi nazzjonali biex ikopru d-dekummissjonar u l-ispiża tad-disponiment finali, kemm fil-perjodu attwali ta' finanzjament kif ukoll warajh.

### **Noti lill-Edituri**

Meta l-Litwanja, il-Bulgarija u s-Slovakkja kienu pajjiżi kandidati għal sħubija fl-UE, waħda mill-kundizzjonijiet għall-adeżjoni tagħhom kienet l-għeluq u d-dekummissjonar sussegwenti ta' tmiem reatturi nukleari tal-ewwel ġenerazzjoni, tat-tip Sovjetiku, fi tliet siti ta' impjanti tal-enerġija nukleari f'Ignalina (il-Litwanja), f'Kozloduy (il-Bulgarija) u f'Bohunice (is-Slovakkja).

L-għeluq u d-dekummissjonar sussegwenti ta' dawn ir-reatturi nukleari qabel tmiem il-perjodi tal-ħajja intenzjonata tagħhom kienu jirrappreżentaw piż finanzjarju u ekonomiku sinifikanti. Għalhekk, l-UE qablet li tipprovi appoġġ finanzjarju, li beda fl-1999. Sal-2020, l-appoġġ mill-UE se jkun ammonta għal total ta' EUR 2 955 miljun għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari, bil-Litwanja tirċievi l-akbar sehem (EUR 553 miljun), segwita mill-Bulgarija (EUR 731 miljun), u mbagħad mis-Slovakkja (EUR 671 miljun). Barra minn hekk, fil-perjodu sal-2013, EUR 890 miljun saru disponibbli għal proġetti maħsuba biex jimmitigaw xi wħud mill-effetti tal-kapaċità mitlufa ta' produzzjoni nazzjonali tal-enerġija minħabba għeluq bikri.

L-awdituri żaru t-tliet siti kollha u intervistaw l-awtoritajiet prinċipali fl-Istati Membri. Huma żaru wkoll il-Kummissjoni Ewropea, il-BERŻ u s-sit ta' kostruzzjoni tal-ewwel maħżen ġeoloġiku fond fid-dinja għall-fjuwil nukleari użat, li jinsab fil-

Finlandja.

Dan l-awditu bl-ebda mod ma eżamina s-sigurtà jew is-sikurezza tal-installazzjonijiet, lanqas il-każ favur jew kontra l-enerġija nukleari, u lanqas ma silet konkludżjonijiet dwar it-taħlita xierqa għall-provvista tal-enerġija fl-UE.

Ir-Rapport Speċjali Nru 22/2016: "Programmi ta' għajjnuna tal-UE għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Litwanja, fil-Bulgarija u s-Slovakkja: seħħ xi progress mill-2011 'il hawn, iżda sfidi kruċjali huma mistennija fil-ġejjieni" huwa disponibbli bi 23 lingwa tal-UE.

---